MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1646/2000/1

**Gejxa Garage Co. Ltd**

**vs**

**Frans Gerada**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-attur noe qieghed juza l-kelma “Gejxa” fuq il-vetturi tieghu kif ukoll fuq il-garage tieghu u ilu juza il-kelma ghall-dawn l-ahhar tletin sena u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

Premess illi l-attur noe ghandu kumpanija b'din l-isem u ma hemmx ebda isem similu jew identiku ghal dan l-isem "Gejxa"

Premess illi l-attur qieghed fin-negozju tal-mini-vans, taxis u xoghol simili;

Premess illi l-konvenut qieghed juza il-kelma fin-negozju tieghu li ghandu l-istess generu ta' negozju;

Premess illi l-konvenut qieghed jipprova jottjeni u jirregistra l-isem bhala proprjeta' bid-drittijiet tal-proprjeta' industrijali ;

Premess illi l-konvenut qieghed jikkawza konkorrenza mhux lecita u b'mod abbuziv qieghed jirreklama u jaghmilha illi huwa tal-"Gejxa;

Premess illi l-agir tal-konvenut qieghed ukoll jikkawza konfuzjoni fl-imhuh tal-konsumaturi billi jgieghel jahsbu li l-konvenuti huma tal-Gejxa garage u mhux l-atturi noe;

Premess illi l-atturi noe pprotestaw kontra l-agir abbusiv tal-konvenut u minkejja dan il-konvenut baqa' ghaddej juza il-kliem "Gejxa" fuq il-vannijiet u fuq il-faccata tal-garage tieghu;

Is-socjeta' attrci talbet lil din il-Qorti:

1. Tinibixxi permanentement lill-konvenut milli jaghmel uzu tal-kelma "Gejxa" fir-reklamar u fuq il-vannijiet u fil-faccata tal-garage tieghu jew fuq oggetti ancellari tal-istess generu;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien prefiss minn din il-Qorti huwa jikkonsenja lill-attur noe kull materjal ta' reklamar inkluza t-tabella imwahhla fuq il-garage sabiex fl-istess terminu hekk prefiss ikunu destrutti mill-istess attur noe;

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi noe dik il-penali li tkun stabbilita minn din il-Qorti a bazi tal-

artikolu 37 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap 13) tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 8 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza huwa l-esponent illi ghal snin twal ghamel uzu mill-kliem / isem "Gejxa King" ghan-negozju fis-settur tat-trasport.

2. Illi s-socjeta' attrici giet kostitwita fid-19 ta' Novembru, 1999.

3. Illi l-esponent applika fl-14 ta' Gunju, 1999 sabiex jirregistra l-isem "Gejxa King Garage" ai termini ta' Section 87 tal-Industrial Property (Protection) Ordinance.

4. Illi ghar-ragunijiet premessi, it-talbiet attrici jimmeritaw illi jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**Provi:**

Is-socjeta` attrici ressqet diversi xhieda.

**Joe Gerada** (fol. 15) wiehed mid-diretturi tas-socjeta` attrici xehed li s-socjeta` hija maghmula minnu, minn huh

u minn missieru. Hu zied jghid li l-isem Gejxa Garage kien jintuza minnhom qabel ma ffurmaw l-kumpanija:

“Qabel ma ffurmajna l-kumpanija konna nuzaw dan l-isem. Missieri ilu juzah minn dejjem ghax kien bit-trasport tal-ghamara. Niftakru tmienja u ghoxrin sena zgur.”

Hu xehed li zijuh, il-konvenut ukoll kellu l-laqam ta’ Gejxu u li ghandu negozju simili ghal dak ta’ missieru. Izda l-konvenut kien registrat fuq “King Garage”. Dawn il-fatti jafhom ghaliex ghamel perjodu impjegat mal-konvenut:

“Meta kont nahdem maz-ziju dan kien juza King Garage bhala isem. Bhala ditta ma kienx juza l-kelma Gejxa.”

Hu xehed li l-konvenut beda jaghmel uzu mill-kelma Gejxa fuq il-vannijiet tieghu wara li bdew juzawh l-atturi noe.

Inoltre huwa xehed ukoll dwar il-problemi li kienet qed tirrinfaccja s-socjeta` attrici minhabba l-agir tal-konvenut.

L-istess xhud ipprezenta ritratt fis-seduta tal-4 ta’ Frar, 2002 (a fol. 48 tal-process) u ikkonferma li dak ir-ritratt kien hadu hu stess kwazi 25 sena qabel. Dan ir-ritratt juri l-kliem George il-Gejxa miktuba fuq vettura. Hu sostna li dak iz-zmien zijuh kien impjegat ma’ missieru.

**George Gerada (fol. 18)** azzjonist u direttur tas-socjeta` attrici kkonferma dak kollu li xehed ibnu Joe Gerada u xehed li kien ilu tmienja u ghoxrin sena jaghmel uzu mill-isem “Gejxa”. Hu xehed li precedentement il-generu tan-negozju tieghu kien it-trasport tal-ghamara izda mis-sena 1999 huma kienu bidlu l-generu tan-negozju u bdew igorru l-passiggieri.

“Meta qlibna ghat-trasport tal-passiggieri ahna biss konna nuzaw il-kelma Gejxa Garage.” (a fol 18 – 19).

Hu kkonferma li l-konvenut beda jaghmel uzu mill-kelma Gejxa, li kienet il-laqam ta’ missierhom, warajh. Inoltre kkonferma li kien hemm problemi li kienu qeghdin jinholqu

mal-klijenti billi l-konvenut kien qieghed jghabbi klijenti tieghu.

Huwa xehed ukoll li prezentement il-konvenut nehha l-isem Gejxa minn fuq il-vannijiet izda zamm it-tabella mal-garaxx tieghu.

Is-socjeta` attrici pprezentat ukoll il-Memorandum and Articles of Association li jindika li din is-socjeta` giet registrata mal-MFSA fid-19 ta' Novembru, 1999.

**Justin Muscat** (fol. 41) prodott mis-socjeta` attrici xehed li huwa kien juza t-trasport tas-socjeta` attrici regolarment. Huwa iddeskriva kif darba minnhom kien qieghed jistenna l-vann tas-socjeta` attrici u minflok ghadda ghalih vann tal-konvenut (a fol. 41):

"Darba minnhom kont qed nistenna lil Joe f'Awissu tas-sena l-ohra, kont qieghed quddiem id-dar, gie vann kellu miktub Gejxa fuqu. Dan qalli li kien tal-Gejxa u ma kienx id-*driver* tas-soltu u tlajt mieghu. Ghaddejna ghall-ohrajn."

Huwa xehed li kien hallas lix-xufier tal-vann u tah biljett li ma kienx tas-soltu. Dan il-biljett gie ezebit a fol 43 tal-process li fuqu hemm miktub "Frans Gerada 'Gejxa' King Garage". Sussegwentement meta xhud u shabu gew biex imorru lura d-dar iltaqghu ma Joe Gerada fil-post li kienu dejjem jiltaqghu mieghu. Dan xorta wahda kien tellaghhom mieghu ghalkemm ma kienx thallas tas-servizz.

Ix-xhud xehed li (a fol. 42):

"Il-vettura li kienet wasslitna Paceville kellha fuqha l-isem Gejxa."

**Neville Azzopardi** ikkonferma l-verzjoni tax-xhud Justin Muscat. Inoltre huwa xehed li qabel ma telgha fil-vann huwa kien staqsa lix-xufier jekk huwa kienx tal-Gejxa (a fol. 44);

"Staqsejtu jekk hux tal-Gejxa Garage. Qalli iva u tlajt mieghu. Tlabtu ghall-biljett u taghni il-card taghhom. Ma taghnix il-karta li s-soltu jaghtini l-Gejxa. Hu qalli Ii ma kienux ghadhom jaghmluhom".

**Marvin Bonello fol. 46** xehed li meta kienu telghu fil-van tal-konvenut huwa kien tahom biljett li fuqu kien hemm l-isem "… ta' Frans Gerada Gejxa."

**Simon Naudi** ikkorrobora l-verzjoni tax-xhieda l-ohra dwar l-incident. Huwa ukoll xehed li meta staqsa specifikament jekk kienx trasport tas-socjeta` attrici, ix-xufier kien irrisponda fl-affermattiv (a fol. 47).

Il-konvenut ressaq diversi xhieda wkoll.

**Mary Gerada** mart il-konvenut xehdet li hija u r-ragel taghha lhom involuti fit-trasport tal-passiggieri ghal aktar minn tnax-il sena. Hi xehdet li (a fol. 141B):

"Ahna il-garaxx jismu King Garage, pero' *in brackets* hemm Gejxa. Gejxa hu l-laqam tar-ragel. Ilna xi tnax-il sena naghmlu dan ix-xoghol."

Gew prezentati diversi dokumenti a fol. 54 et seq. Dok. 54 li hija korrispondenza datata 14 ta' Lulju, 1997. Inoltre gew prezentati diversi dokumenti ohra konsistenti f'ircevuti, riklami u *business cards* li ghandhom x'jaqsmu man-negozju tat-trasport tal-konvenut u Ii fihom il-konvenut huwa ndikat bhala "l-Gejxa". Dawn id-dokumenti u ricevuti jmorru lura ghas-sena 1983.

Id-dokument a fol. 139 li jindika li l-konvenut pprova jirregistra l-isem 'Gejxa King Garage' mal-Ufficcju tal-Proprjeta` Industrijali jghid specifikament li:

*"Registration gives right to the exclusive use of the word 'King' and 'Garage' only when used together with the word 'Gejxa'."*

In kontroezami Mary Gerada xehdet li l-attur George Gerada kien jaghmel uzu mill-isem il-Gejxa in relazzjoni

ghall-garr tal-ghamara u mhux ghall-garr tal-passigieri. Hi xehdet li ghalkemm ma kienux irregistraw l-isem, huma kienu ilhom snin twal jaghmlu uzu mill-isem “Gejxa il-King”. Inoltre a fol. 143 xehdet li l-kelma Gejxa kienet tkun imwahhla permezz ta’ *stickers* fuq il-vetturi kollha taghhom

“Il-kelma Gejxa kienet tkun *sticker* mal-vannijiet kollha u anke fil-genb. Issa kollha nehhejnihom.”

Ir-raguni ghalfejn nehhiethom hi ghaliex issa qed jaghmlu xoghol ta’ garr tat-turisti u ddecidew li ma juzawx dan l-isem meta ikunu qed jaghmlu dan ix-xoghol.

**Salvino Gauci** xehed li l-kontijiet ghal *fuel* li kien jibghat lill-konvenuti kien jibghathom f’isem il-Gejxa (a fol. 154). Ir-ricevuti prezentati minnu jmorru lura ghax-xahar ta’ Ottubru, 2001. Huwa xehed ukoll li ma kienx jaf ezatt kemm kien ilu jissuplihom bil-*fuel*.

**Martin Degabriele** (fol. 171) xehed li huwa jaf personalment lill-kontendenti u li kien jaghtihom ix-xoghol. Fir-rigward tal-konvenut xehed li kien beda jaghtihom ix-xoghol minn erbgha sa sitt snin qabel. Huwa kkonferma l-ircevuta datata 19 ta’ Gunju, 1996 ezebita u mmarkata bhala Dok.G a fol 60 tal-process, liema ircevuta kienet mahruga mix-xhud u fuqha hemm indikat il-kliem “Gejxa”. Din l-ircevuta hija relatata man-negozju tat-trasport tal-passiggieri. Il-konvenuti kienu jaghmlu vjaggi tat-tfal ta’ l-iskola mhux Paceville.

Luciano Attard xehed li kien impjegat mas-socjeta` attrici u kien ukoll mal-konvenuti. Hu xehed a fol. 171 tal-process li l-konvenuti kienu jsibuhom bhala tal-Gejxa. Huwa specifika li:

“Meta kont nahdem maghhom kienu jghidulhom Gejxa. Bhala *nick name*, imma il-garaxx kien King Garage.”

Hu esebixxa zewg dokumenti konsistenti *f’business cards* tal-konvenut. Wiehed fis-seduta tas-16 ta’ Dicembru, 2002 li fuqu hemm ipprintjat “King and Queen Garage” (a fol.

176 tal-process) u l-iehor fis-17 ta’ Frar, 2003 (a fol. 178 tal-process) fejn fuqu hemm ipprintjat il-kliem “Frans Gerada ‘Gejxa’ King Garage”.

Ix-xhud xehed a fol. 180 illi liz-zaghzagh huwa kien alternattivament, minghajr ebda hsieb, jindika li huwa “daqqa kont nghidlihom tal-King Garage u daqqa tal-Gejxa, skond kif kienet tigi go halqi u kont nuzahom it-tnejn.” L-isem tal-Gejxa kien juzah ukoll meta kien impjegat mas-socjeta` attrici: “Il-vannijiet tal-atturi lill-klijenti jiena kont nghidilhom tal-Gejxa.”

Huwa xehed ukoll li l-vannijiet tal-atturi kien ikollhom *stickers* li jindikaw tal-Gejxa Garage. Madanakollu jrid jinghad ukoll li diversi drabi huwa sostna li huwa ma kienx jaf jaqra.

Dwar il-perjodu li kienu ilhom joperaw il-kontendenti fit-trasport tal-passiggieri, Luciano Attard xehed fis-seduta tas-17 ta’ Frar, 2003 li l-konvenut kien jaf li kien f’dan in-negozju minn tmien snin qabel filwaqt li l-konvenut kien qieghed f’dan it-tip ta’ negozju minn erba’ snin qabel.

Rigward l-istickers fuq il-vann tal-konvenut li jindikaw tal-“Gejxa King Garage” Luciano Attard xehed li huwa qatt ma kien rahhom dawk l-istickers qabel u li l-konvenut seta’ ghamilhom wara li telaq huwa mill-impjieg taghhom. Madanakollu terga ssir referenza ghall-fatt dikjarat li dan ix-xhud ma jafx jaqra.

Meta regghet xehdet Mary Gerada hi pprezentat diversi dokumenti a fol. 185 sa 225 tal-process. Fost dawn id-dokumenti hemm id-digriet ta’ din l-istess Qorti diversament presjeduta fejn cahdet it-talba ta mandat ta’ inibizzjoni numru 784/2000 fl-ismijiet “George Gerada ghan-nom tieghu u ghan-nom tal-kumpanja Gejxa Garage Limited VS Frans Gerada” liema digriet jghid li “Billi prima facie ma jirrzultax d-dritt pretiz billi ukoll il-kelma in kwistjoni hija *in cominion*”.

In sostenn tal-argument taghha il-konvenut esebixxa ritratt tal-vann li fuqu hemm imnizzel “Gejxa l-King” u fil-fehma

tal-mara tal-konvenut (a fol. 224) dak l-isticker kien essenzjali ghan-negozju taghhom sabiex il-klijenti taghhom setghu jaghrfu l-vann u ma jitilghux ma xi hadd iehor.

Il-kelma Gejxa hija l-laqam tal-familja u tintuza mill-membri kollha tal-familja Gerada.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

F’dina l-kawza l-atturi qed jitolbu li l-konvenut ma jkompliex jaghmel uzu mill-kelma “Gejxa” fir-reklamar u fuq il-vannijiet u fil-faccata tal-garage tieghu jew fuq oggetti ancillari ta’ l-istess generu.  Il-konvenut qed jikkontesta dina t-talba fis-sens li hu ilu snin twal juza l-kelma jew isem “Gejxa King” ghan-negozju fis-settur tat-trasport.

Mill-provi prodotti mill-partijiet jirrizulta li l-kelma “Gejxa” originarjament kienet il-laqam ta’ missier il-partijiet u kienet tintuza minnu fin-negozju tieghu li kien it-trasport tal-ghamara.

Kemm mix-xhieda ta’ Joseph Gerada kif ukoll mir-ritratti esebiti a fol. 48 u fol. 184 jidher li missier il-kontendenti kien juza l-isem “Trust Furniture Transport” bhala l-isem tan-negozju tieghu filwaqt li kien ukoll jindika l-laqam tieghu bhala “George il-Gejxa”. Ghalhekk jidher li l-kelma “Gejxa” kienet tintuza bhala laqam.

Joe Gerada, wiehed mid-diretturi tas-socjeta` attrici kompla n-negozju ta’ missier il-kontendenti konsistenti fil-garr tal-ghamara u fis-sena 1999 hu biddel il-generu tan-negozju tieghu u beda jittrasporta passiggieri. Fis-seduta tal-10 ta’ Mejju, 2001 George Gerada xehed (a fol. 18) li:

“Qlibna ghal Gejxa Garage xi sentejn ilu meta qlibna ghat-trasport tal-passigieri.”

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kien jittrasporta passigieri minn diversi snin qabel is-socjeta` attrici, li f’dak iz-zmien kienet ghadha tittrasporta l-ghamara. Diversi

xhieda li kienu mpjegati kemm mas-socjeta` attrici u kif ukoll mal-konvenut ddikjaraw li l-konvenut kien involut fin-negozju tat-trasport tal-passiggieri ferm qabel is-socjeta` attrici, circa erba' snin qabel is-socjeta` attrici, li bdiet topera f'dan is-settur fis-sena 1999. Inoltre gew esebiti dokumenti mill-konvenut li jindikaw li kienet ilha topera dan in-negozju sa mis-sena 1983.

Il-kelma "Gejxa" kienet tintuza kemm mill-konvenut fin-negozju tat-trasport tal-passiggieri u kif ukoll minn Joe Gerada fin-negozju tat-trasport tal-ghamara. Dan il-fatt gie ppruvat permezz ta' xhieda u dokumenti pprezentati mill-partijiet.

Rigward l-uzu tal-laqam "Gejxa" Luciano Attard xehed a fol. 180 illi meta kien impjegat mal-konvenut liz-zaghzagh huwa kien alternattivament, minghajr ebda hsieb, jindika li huwa "daqqa kont nghidlihom tal-King Garage u daqqa tal-Gejxa, skond kif kienet tigi go halqi u kont nuzahom it-tnejn." L-ircevuti esebiti li kien jinghata l-konvenut minghand il-fornituri tieghu, il-*visiting cards* u ritratti jindikaw li l-konvenut kien ilu jaghmel uzu minn dan il-laqam sa mis-sena 1983. Madanakollu l-Qorti tinnota li l-konvenut kien jaghmel uzu mill-kelma "Gejxa" biss u mhux mill-kelma Gejxa King Garage, fis-sens li lilu kien isejjhulu b'dik il-kelma ghaliex kienu jafu li huwa gej mill-familja imlaqma "tal-Gejxa". In fatti il-garage tieghu kien jismu "King Garage" u dan gie ikkonfermat mix-xhud Luciano Attard.

Il-kwistjonijiet bejn il-partiijet bdew hekk kif is-socjeta` attrici bidlet il-generu tan-negozju taghha minn trasport ta' ghamara ghal trasport ta' passigieri.

Il-konvenut xehed li r-registrazzjoni mitluba minnu kienet ghal generu ta' negozju pprattikat minnu. Il-konvenut ilu jipprattika dan il-generu ta' negozju ferm qabel is-socjeta` attrici. Madanakollu l-Qorti hi tal-fehma li l-kelma "Gejxa" kienet tintuza mill-konvenut mhux bhala isem in-negozju izda bhala l-laqam tieghu, liema laqam jintuza wkoll mill-ahwa kollha Gerada. Dan il-fatt jidher wkoll mill-fatt li fuq il-*business cards* il-kelma Gejxa kienet tkun indikata " 'Il-

Gejxa' ". Ghalhekk jekk jigi registrat l-isem "Gejxa King Garage" tali registrazzjoni tipprekludi lill-ahwa tal-konvenut milli juzaw il-laqam taghhom, li intiret komunament mill-familja taghhom. Dan il-fatt ta' l-isem komuni kien gie ukoll indikat meta sar il-mandat ta' inibizzjoni u l-Qorti kienet cahdet ir-rikors ghall-hrug tal-mandat peress li "prima facie ma jirrzultax d-dritt pretiz billi wkoll il-kelma in kwistjoni hija *in cominion*."

Issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "Dr. George Hyzler noe vs Borg & Aquilina et" (Cit Nru.1431/1996) fejn il-Qorti tal-Appell sostniet li:

"L-artikolu 81 tal-kap 29 jistabbillixxi li sabiex *trademark* tista' tigi registrata, din trid tkun distinta, differenti minn *trademarks* ohra gia uzati minn haddiehor. Ma jfissirx dan bilfors li *trademark* gia uzata legalment minn haddiehor trid tkun *trademark* registrata taht il-Kap 29 taghna, imma necessarjament wiehed jaghmel referenza ghal kwalsiasi *trademark* li tkun uzata minn kummercjant sabiex jiddistingwi l-prodott tieghu minn ta' haddiehor."

Ghalhekk il-Qorti ma tistax tipprekludi lill-konvenut milli jkompli jaghmel uzu mill-laqam tal-familja tieghu fir-rigward tat-trasport tal-passiggieri stante li dan beda juzah ferm qabel is-socjeta` attrici.

Konsegwentement it-talba attrici fil-konfront tal-konvenut ma tistax tintlaqa kompletament, stante li dan ghandu dritt jaghmel uzu mill-laqam li nghata lilu mill-familja tieghu.

Is-sitwazzjoni kienet tkun differenti kieku terza persuna estraneja approprijat ruhha minn dan il-laqam u bdiet tuzah bhala l-isem tan-negozju taghha. F'dak il-kaz din it-terza persuna ma kien ikollha ebda dritt li tuza laqam li mhux taghha.

L-artikolu 32 tal-Kodici tal-Kummerc jghid:

"Il-kummercjanti ma jistghux jaghmlu uzu ta' ebda isem, marka jew sinjal distinitv li jistghu jgibu tahwid ma' isem, marka jew sinjal distintiv iehor uzati skond il-ligi minn

haddiehor, ukoll jekk dan l-isem, marka jew sinjal distintiv ta' haddiehor ma jkunux irregistrati skond l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta` Industrijali, lanqas ma jistghu jaghmlu uzu ta' ismijiet ta' ditti jew ta' ismijiet fittizji li jistghu jqarrqu li haddiehor fuq il-vera mportanza tad-ditta."

Kif diga` rrilevat, l-isem "il-Gejxa" huwa komuni u l-konvenut kien ilu juza dan il-laqam in relazzjoni mat-trasport tal-passiggieri qabel is-socjeta` attrici. Meta kien jintuza kontemporanjament mill-kontendenti ma kien hemm ebda diffikolta billi kien hemm differenza fil-generu tan-negozju ta' trasport pprattikat mill-kontendenti - wiehed tal-ghamara u l-iehor tal-passiggieri . Ghaldaqstant il-konvenut ma jistghax jigi prekluz milli juza l-laqam tieghu fil-generu ta' trasport li kien jipprattika qabel is-socjeta` attrici.

Inoltre jigi rilevat li llum l-konvenut mhux qed juza *stickers* bl-isem "Gejxa" fuq il-vannijiet tieghu billi issa qaleb ghall turisti u f'dan il-generu ma jistax juza *stickers*.

Rigward l-incident li dwaru xehdu diversi xhieda fejn il-konvenut ittrasporta passiggieri tas-socjeta` attrici, il-Qorti hi tal-fehma li mhux il-kaz li tigi inflitta xi penali izda biss li twissi lill-konvenut biex dana l-fatt ma jirrepetiex ruhhu.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi
tilqa' l-ewwel talba limitatament fis-sens li tinibixxi lill-konvenut milli jirregistra l-isem "Gejxa King Garage" ai termini ta' Section 87 tal-Industrial Property (Protection) Ordinance.
tichad it-tieni u tielet talba.
Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet, kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------